MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 770/1997/1

Joseph Grixti
vs
Chairman Telemalta u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur ta' l-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1993/1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa kien gie impjegat mal-Korporazzjoni fl-1986 bhala impressed driver. Gurnata wara li nbidel il-Gvern huwa kien gie infurmat minn Harold Frendo (Foreman) li x-xoghol tieghu kien gie terminat minghajr raguni. Meta ra hekk huwa kien mar ghand il-Ministru personali biex jigi

spjegat lilu r-raguni ta’ din it-terminazzjoni meta huwa dejjem ghamel xoghlu b’kull responsabilita` u qatt ma kellu rapport hziena kontra tieghu. Wara madwar gimgha hu kien gie infurmat biex jerga’ jidhol ghax-xoghol kif fil-fatt ghamel. Fl-1990 huwa kien waqaf jahdem bhala impressed driver u mar jirregistra. Fl-1991 kienu baghatu ghalih mill-E.T.C. biex jattendi ghal interview fl-istess Korporazzjoni fil-fatt hu mar u gie impjegat bhala Labourer. Hu kien gie stazzjonat ma’ l-Engineer Anthony Cassar jaghmel ix-xoghol ta’ skrivan. Matul il-perjodu ta’ l-impieg tieghu hu dejjem ghamel xoghol ta’ skrivan u ghadu jaghmel dan ix-xoghol sal-lum. Kienu hargu tlett darbiet applikazzjonijiet ta’ gradi differenti kemm ghal skrivan kif ukoll ghal officer in charge minor staff u huwa kien applika t-tlett darbiet. Kull darba li hargu r-rizultati huwa dejjem gie maqbuz ghalkemm ghandu certifikati u rakkomandazzjonijiet mill-Heads of Departments. Huwa attenda diversi courses kemm fuq software kif ukoll amministrazzjoni. Ghaldaqstant ikkonkluda li dawn huma ingustizzji politici.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata dak kollu li tilef matul il-perjodu ta’ l-impieg tieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li eccepiet:

Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Clerk I kienet harget fid-9 ta’ Settembru 1993. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kkwalifikax minhabba li gab biss 43.65 marka u ghalhekk ma setax jintaghzel.

Illi dawn kienu mqassmin hekk: 6.33 minn 10 marki ghal esperjenza f’xoghol klerikali; ebda marka minn 30 marka tal-kwalifiki; 10.33 minn 20 marka ghal qari u kitba bil-Malti; 10 minn 20 marka ghall-qari u kitba bl-Ingliz; 4.66 minn 5 marki ghad-dehra; 4.33 minn 5 marki ghall-manjieri; 4 minn 5 marki ghall-motivazzjoni; 4 minn 5 marki ghad-diskors.

Illi fit-28 ta’ Dicembru 1994 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Office in Charge Minor Staff. Ir-rikorrent kien applika pero’ ma kkwalifikax peress li minn massimu ta’ 100 marka gab biss 16-il marka.

Illi dawn kienu mqasmin hekk: 5 minn 30 marka ghar-rekwiziti/meriti; ebda marka minn 20 ghal kwalifiki; 6 minn 15-il marka ghal Aptitude; 5 minn 20 marki ghal esperjenza; u ebda marka ghal seniority.

Illi fit-30 ta’ April 1996 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Clerk I. Ir-rikorrent applika pero` ma giex ikkunsidrat mill-Bord ta’ l-Ghazla billi ma kienx elegibbli. Skond is-sejha ghall-applikazzjonijiet kien mehtieg minimu ta’ hames suggett f’livell ordinarju tal-GCE. Ir-rikorrent ma ghandux kwalifiki u ghalhekk ma kienx eligibbli.

Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal jghogbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li fl-1993 kien jahdem bhal segretarju mill-Inginier Cassar ghalkemm kien grad ta' labourer. Qal li mill-1988 'il quddiem mar mal-Inginier Cassar u ghalkemm kien impressed driver xorta kien jehodlu hsieb il-korrispondenza. Qal li ma setax jaccetta li ghall-esperjenza fix-xoghol klerikali gab 6 marki minn 10 fl-ghazla li saret fl-1993. Hu lmenta ukoll li ma nghata l-ebda marka ghall-kwalifiki wara li anki kien attenda kors fuq 'telephone behaviour' li ghalih kien mibghut mill-Korporazzjoni. Ilmenta wkoll mill-marka li nghata ghall-kitba bil-Malti. Zied ighid li kellu diversi apprezzamenti bil-miktub mill-Pubbliku ghall-mod kif ittratta l-ilmenti tal-klijenti. Qal li peress li ma kienx intghazel ghall-grad ta' clerk I fl-1993 ma setax japplika ghal gradi ohra li hargu wara. Semma wkoll l-applikazzjoni fl-1994 ghall-grad ta' officer in charge minor staff u lmenta wkoll mill-marki nferjuri li nghata. Semma li ma nghata l-ebda marka ghas-seniority, meta Raymond Custo' li kellu biss sitt xhur iktar minnu nghata 5 marki.

In kontro ezami qal li fl-1987 kien impressed mat-Telemalta izda kien jaghmel hafna xoghol klerikali meta naqas ix-xoghol qal li waqqfuh u fl-1991 dahal bhala Labourer full time mat-Telemalta u kien tpogga mal-Inginier Cassar jaghmel xoghol klerikali u qal li r-rakkomandazzjonijiet li kellu kien tal-Inginier Cassar u l-Inginier Bugeja.

Xehed David Buttigieg li meta xehed kien Executive Principal mal-Maltacom li qal dwar il-promozzjoni ta' Clerk I fl-1993 li Edward O'Neil, Jos Debarro, Joseph Camilleri u Michelle Caruana ma kellhomx kwalifiki u hadu l-promozzjoni. Fir-rigward ta' Custo' qal li sar officer in charge minor staff. Spjega li l-kriterju u l-mod kif kienu mqassmin il-marki kienu differenti ghaz-zewg applikazzjonijiet ta' Clerk I u ta' officer in charge minor

staff. Spjega li ghal officer in charge minor staff kien hemm tnejn biss li kellhom kwalifiki John Atkins u Emanuel Genovese; qal li t-tnejn ma sarux u Custo' li ma kellux kwalifiki sar izda fuq kriterji ohra. Esebixxa kopja tar-rizultat ghal Officer in charge minor staff a fol 19. Zied ighid li Custo' dahal mat-Telemalta f'Gunju 1991, fl-1994 lahaq General Hand u f'Jannar 1995 ha l-grad ta' Officer in charge minor staff. Fir-rigward ta' Tony Agius dahal mat-Telemalta f'Jananr 1993 bhala bookbinder u ha l-grad ta' Officer in charge fl-1995. Esebixxa r-rapport u r-rizultat ghal Clerk I minn fol 28 'il quddiem.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe` ghal Clerk I u ghal Officer in Charge Minor Staff. It-Tribunal sejjer jibda biex jezamina l-ilment dwar l-ghoti ta' promozzjonijiet tat-28 ta' Dicembru 1994 ghall-grad ta' Officer in Charge Minor Staff. Ir-rikorrent kien applika u gab biss 16-il marka u cioe` 5 minn 30 ghal rekwiziti, 4 minn 20 ghall-kwalifiki, 6 minn 15 ghal Aptitude, 5 minn 20 ghal Esperjenza u ebda marka ghal seniority. It-Tribunal ihossu konvint li l-marki li gew allokati lir-rikorrent ma kienux sufficjenti izda ma hemm ebda prova li twassal lir-rikorrent seta' fil-fatt gab il-50 fil-mija tal-marki li permezz taghhom kien jikkwalifika ghal Officer in Charge Minor Staff. Huwa ovvju per ezempju li dwar seniority r-rikorrent ma nghatax marki sufficjenti pero` billi t-Tribunal joqghod jifli biex isib ftit marki 'l hawn u l' hemm li setghu gew moghtija lir-rikorrent certament dan ma jistax iwassal ghal xejn pozittiv u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar din l-applikazzjoni.

Dwar l-applikazzjoni ghal Clerk I ir-rikorrent gab total ta' 43.65 marki u ghalhekk pjuttost vicin izda meta wiehed jifli l-marki moghtija jsib li l-problema principali kienet li ma ha ebda marka ghall-kwalifiki u cioe` fuq kriterju oggettiv. Infatti r-rikorrent ha 6.33 minn 10 marki ghal Esperjenza ghal Xoghol Klerikali, 10.33 minn 20 ghal Qari u Kitba bil-Malti, 10 minn 20 ghal Qari u Kitba bl-Ingliz, 4.66 minn 5 ghad-Dehra, 4.33 minn 5 marki ghall-Manjieri, 4 minn 5 ghal Motivazzjoni u 4 minn 5 ghad-Diskors u ghalhekk f' dan kollu li kien suggettiv ghadda minnhom kollha izda ma

wassalx ghall-pass mark. Dan ifisser li l-problema tar-rikorrent kienet in-nuqqas ta' kwalifiki.

Issa hemm applikanti ohra li kienu minghajr kwalifiki wkoll izda li xorta wahda kkwalifikaw, bhal ma huma Edward O' Neill, Josephine Debarro, Joseph Camilleri u Michelle Caruana. Izda meta wiehed jezamina d-dokument a fol 46 tal-process jirrizulta li O' Neill dahal bhala Telephone Operator fis-27/02/89, Josephine Debarro bhala Labourer fil-05/05/87, Joseph Camilleri bhala Telephone Operator fil-15/04/85 u Michelle Caruana bhala Telephone Operator fis-27/02/89 waqt li r-rikorrent l-impjieg tieghu jibda bhala Labourer fit-10/12/91. Dan ifisser li anke taht aspett ta' seniority l-erbgha l-ohra li r-rikorrent semma li bhalu ma kellhomx kwalifiki u li hadu l-appointment fil-fatt kellhom seniority aktar mir-rikorrent li sfortunatament ghar-rikorrent il-marka tieghu ma tlahhaqx il-pass mark. Meta wiehed jezamina l-kwalifiki rispettivi a fol 47 u 48 wiehed jara li r-rikorrent ma kellux kwalifiki superjuri ghall-ohrajn. Jinghad ukoll fl-ahhar li kien hemm ukoll seba' persuni ohra fl-order of merit li wehlu u li gabu marki superjuri ghal tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' wkoll l-eccezzjoni l-ohra tal-intimat u jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------